MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 111/2000/1

Francis u Petra maghrufa bhala Patricia konjugi Buttigieg .

vs

Charles u Carmelina konjugi Portelli .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi bi skrittura tad-dsatax (19) ta' Mejju, elfejn (2000), l-atturi krew minghand Michael Mizzi l-hanut bla numru u maghrufa bl-isem "Pen & Pencil", fi Pjazza Indipendenza, Ghajnsielem, Ghawdex ;

Illi qabel ma krew il-hanut l-atturi, il-hanut kien mikri lill-konvenuti u minnu l-konvenuti kienu jbieghu stationery u merci ohra tal-istess generu ;

Illi meta l-konvenuti cedew il-lokazzjoni tal-hanut u dahlu minflokhom l-atturi, il-konvenuti dahlu fi ftehim ma’ l-atturi dwar il-bejgh tal-*stock* kollu ezistenti fil-hanut, u tal-*equipement, fixtures u fittings* li bihom il-hanut meta kien f’idejn il-konvenuti kien mghammar u fornut ;

Illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-*stock* kollu fil-hanut kellu jinbiegh bl-istess prezz *cost price* b’kemm kienu xtrawh il-konvenuti minghand l-agenti u distributuri ohra tal-*stationery,* l-*stock* li jirrizulta danneggjat jew bil-hsara l-atturi kellhom jirritornawh lill-konvenuti, l-*photocopier machine* bi prezz li jigi stmat mill-agent tad-ditta li minghandha l-konvenuti kienu xtrawha, l-armaturi, *fixture, u fittings* fil-hanut bi prezz ridott minhabba xi hsara li kien hemm fl-armatura tal-faccata u minhabba li dawn kienu gia gew uzati wkoll mill-konvenuti ;

Illi wara li sar l-*stock take* fil-hanut fil-20 ta’ Mejju 2000, il-konvenuti naqqsu li jfornu lill-atturi b’dawk l-invoices u r-ricevuti biex juru a soddisfazzjon tal-atturi b’kemm u b’liema prezz kien attwalment gie mixtri l-*stock* mill-konvenuti ;

Illi fit-22 ta’ Mejju 2000, l-attrici Pietra Buttigieg wahedha giet indotta mill-konvenuti tiffirma skrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ghall-ammont ta’ sebat elef u mitejn lira maltin (LM7,200) bhala prezz tal-bejgh tal-*stock, equipment, fixtures, u fittings* fil-hanut bil-promessa qarrieqa mill-konvenut Charles Portelli li kemm-il darba tiffirma dik l-iskrittura hi u zewgha huwa jurihom l-ircevuti u l-invoices kollha bil-prezzijiet li bihom huwa kien xtara l-*stock* kollu, l-*equipment, fixtures u fittings* fil-hanut – kopja tal-iskrittura markata A ;

Illi l-attrici ffirmat l-iskrittura qabel ma hi u zewgha l-attur Francis Buttigieg lahhqu ddiskutew bejniethom dan il-prezz u minghajr ma kellhom l-opportunita’ li jivverifikaw il-prezzijiet mal-invoices u r-ricevuti kienu weghduhom li juruhom ;

Illi l-attur Francis Buttigieg meta sar jaf aktar tard fl-istess gurnata bl-ammont li kienu qeghdin jippretendu l-

konvenuti minghandhom bhala prezz tal-bejgh tal-*stock, equipment, fittings u fixtures* fil-hanut, huwa insista aktar u aktar ghall-produzzjoni tal-invoices u r-ricevuti kollha ghall-verifiki tieghu qabel ma jiffirma l-iskrittura billi dan l-ammont kien jidher esagerat ;

Illi l-konvenuti baqghu jirrifjutaw li juru lill-atturi l-invoices u r-ricevuti kollha qabel ma l-iskrittura tigi ffirmata wkoll mill-attur Francis Buttigieg ;

Illi dan il-habi u r-rifjut taghhom li jipproducu l-ircevuti u l-invoices minn naha tal-konvenuti beda jhasseb serjament lill-atturi billi l-interess tal-konvenuti kien li jfittxu jottjenu l-firem tal-atturi fuq l-iskrittura u ma kien jinteressahom minn xejn aktar ;

Illi minn verifiki li l-atturi ghamlu minn ras-il ghajn minghand l-agenti u distributuri ohra tal-*stock* li minghandhom il-konvneuti kienu xtraw l-*stock* taghhom, dwar dan l-istess *stock,* irrizultalhom li l-prezzijiet ikkwotati mill-konvenuti fuq l-*stock* taghhom ma kienux dawk *cost price* u cioe’ bl-istess prezzijiet b’kemm kienu xtraw l-*stock* il-konvenuti izda kienu prezzijiet ferm oghla anzi prezzijiet esageratament oghla milli fil-fatt kienu xtraw l-istess *stock* il-konvenuti, kuntrarjament ghall-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet ;

Illi meta l-atturi raw bl-ingann tal-konvenuti, huma baqghu jinsistu aktar ghall-produzzjoni tal-ircevuti u l-invoices minghand il-konvenuti, liema invoices u ricevuti l-konvenuti baqghu jirrifjutaw li juruhom lill-atturi ;

Illi l-iskrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fuq riferta saret that pretensjonijiet foloz u qarrieqa da parti tal-konvenuti, u liema skrittura hija nulla billi ma saritx bil-kunsens u l-adezjoni tal-attur Francis Buttigieg ;

Illi l-prezz li bih kellu jinbiegh l-*satock, equipment, fixtures, u fittings* kien ferm inqas minn sebat elef u mitejn liri maltin (Lm7,200) kif ser jirrizulta fid-dettal fil-kors tal-kawza, u rrizulta li hemm *stock* bil-hsara u danneggjat, u l-

ammont attwalment u realment dovut mill-atturi lill-konvenuti huwa f'ammont inqas minn din is-somma ;

Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghar-rexxissjoni ta' dik l-iskrittur ta' kostituzzjoni ta' debitu u sabiex jigi stabbilit prezz gust ghall-*stock, equipment, fixtures, u tittings* fil-hanut li jirrifletti l-ftehim li originarjament kien sar bejn il-partijiet, il-konvenuti baqghu inadempjenti .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-22 ta' Mejju, 2000, hija nulla u invalida billi tali skrittura saret that pretensjonijiet foloz, b'qerq u b'ingann ezercitat minnkom konvenuti, liema skrittura ma saritx bil-kunsens u l-adezjoni tal-atturi flimkien ;

2. Tiddikjara li l-ftehim bejn il-partijiet dwar ix-xiri tal-*stock, equipment, fixtures u fittings* fil-hanut kien b'dak il-prezz jew prezzijiet li dwarhom il-partijiet kienu ftehmu originarjament bejniethom fis-sens kif fuq spjegat u cioe' li l-stock kellu jinbiegh bl-istess prezz *cost price* b'kemm kienu xtrawh il-konvenuti minghand l-agenti u distributuri ohra tal-*stationery, l-stock* li jirrizulta danneggjat jew bil-hsara l-atturi kellhom jirritornawh lill-konvenuti, l-*photocopier machine* bi prezz li jigi stmat mill-agent tad-ditta li minghandha l-konvenuti kienu xtrawha, l-armaturi, *fixtures, u fittings* fil-hanut bi prezz ridott minhabba xi hsara li kien hemm fl-armatura tal-afaccata u minhabba li dawn kienu gia' gew uzati wkoll mill-konvenuti ;

3. Tillikwida dak l-ammont gust u reali li ghandhom ihallsu l-atturi lill-konvenuti bhala prezz tal-bejgh ta' l-*stock, equipment, fixtures u fittings* fil-hanut "Pen & Pencil", Pjazza Indipendenza, Ghajnsielem, mibjugha mill-konvenuti lill-atturi, liema ammont ghandhu jirrifletti l-ftehim li sar bejn il-partijiet fis-sens kif fuq spjegat .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tas-26 ta’ Mejju, 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsabu mharrkin .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, konfermata bil-gurament ta' Pietra Buttigieg .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew :

1. Illi t-talbiet tal-atturi in kwantu bazati fuq l-allegat nullita’ tal-iskrittura tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju 2000 huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u dan ghar-ragunijiet segwenti : -

- Fl-ewwel lok l-iskrittura tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju elfejn (2000) saret wara li l-partijiet ftehmu bejniethom fuq l-ammont globali li ghandu jithallas kemm ghall-istock kollu ezistenti fil-hanut kif ukoll tal-equipment u fixtures and fittings li kien hemm fl-istess hanut .
- Fit-tieni lok mhux minnu li din l-iskrittura saret taht pretensjonijiet foloz, b’qerq u b’ingann ezercitat mill-eccipjenti stante illi din saret wara li kien diga hemm qbil dwar l-ammont globali li ghandu jithallas u kif ghandu jithallas . Din saret biss biex dak miftiehem jigi redatt fi skrittura .
- Fit-tielet lok l-attur Francis Buttigieg ma marx ghand in-Nutar biex jiffirma l-iskrittura peress li skond martu dan kien qieghed xoghol u ma setghax jigi . L-istess attrici Patricia Buttigieg qalet lin-Nutar illi hija kellha l-kunsens ta’ zewgha biex tiffirma dik l-iskrittura .

2. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont indikat fl-iskrittura huwa wiehed reali u gust u dan stante illi l-ewwelnett dan jikkomprendi kemm l-istock li kien hemm u li gie verifikat haga haga mill-partijiet kif ukoll l-equipment u fixtures and fittings inkluz l-armatura u shutters tal-hanut . Oltre dan l-eccipjenti taw ukoll koncessjoni ta’ xahrejn ghall-ewwel pagament bla imghax u erba’ xhur ghat-tieni pagament dejjem minghajr imghax u dan dejjem kif miftiehem mal-atturi.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-citazzjoni tal-konvenuti fejn, wara li ppremettew:

Illi permezz tal-iskrittura datata tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju elfejn (2000) l-atturi konjugi Buttigieg iddikjaraw rwiehhom veri, certi u likwidi debituri versu l-konjugi Portelli ghas-somma ta’ sebat elef u mitejn lira Maltin (Lm7200) rapprezentanti prezz ta’ stokk u equipment, fixtures and fittings fil-hanut “Pen and Pencil Stationery” Pjazza indipendenza, Ghajnsielem, Ghawdex ;

Illi permezz ta’ l-istess skrittura l-konjugi Buttigieg kellhom ihallsu l-ammont ta’ sitt elef lira maltin (Lm6000) sa mhux aktar tard mit-tnejn u Ghoxrin (22) ta’ Lulju, 2000, u s-somma ta’ elf u mitejn lira maltin (Lm1,200) sa mhux aktar tard minn erba’ xhur minn meta saret l-iskrittura u dan minghajr interessi.

Illi l-ammont miftiehem gie kalkulat wara ftehim bejn il-partijiet liema ftehim kien wiehed globali u li kien jaghti zmien ukoll lill-konjugi Buttigieg biex ihallsu dak dovut minnhom ;

Illi minkejja dan il-ftehim il-konjugi Buttigieg qed jirrifjutaw li jhallsu l-ammont dovut lill-konjugi Portelli u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet .

Talbu lill-atturi jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-konjugi Buttigieg huma veri, certi u likwidi debituri versu l-konjugi Portelli ghas-somma ta’ sebat elef u mitejn lira Maltin (Lm7200) ;

2. Tikkundanna lill-konjugi Buttigieg ihallsu dan l-ammont lill-konjugi Portelli bl-imghaxijiet skond il-ligi b’effett mit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Lulju elfejn (2000) sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-erbgha u ghoxrin (24) ta’ lulju 2000 u tal-ittri interpellatorji kontra taghkom .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-gurament taghhom .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi ghal din il-kontro-talba li biha eccepew illi :

1. Illi l-kontro-talba li saret mill-konvenuti hija superfluwa u saret merament sabiex tkompli tkabbar l-ispejjez ta’ din il-kawza inutilment meta l-kawza mill-eccipjenti saret proprju sabiex tattakka u tannulla l-iskrittura tat-22 ta’ Mejju, 2000, billi tali skrittura saret that pretensjonijiet foloz, b’qerq, u b’ingann ezercitat mill-istess konvenuti a dannu u pregudizzju tad-drittijiet tal-eccipjenti, u liema skrittura ma saritx bil-kunsens u l-adezjoni tal-eccipjenti flimkien, u l-kreditu pretiz mill-konvenuti jiddependi dwar jekk tali skrittura hijiex valida jew le u jekk verament tirriflettix il-ftehim veru proprju li kien hemm bejn il-partijiet kollha fis-sens li l-hlas li kellu jsir kien f’ammont ferm inqas minn dak indikat fl-istess skrittura, u li l-esponenti kienu accettaw li jhallsu lill-konvenut dan l-ammont izghar u l-konvenuti kienu gia’ gew infurmati dwar dan qabel ma saret il-kontro-talba minnhom, u ma kien hemm ebda htiega li ssir din il-kontro-talba u wisq aktar li ssir ghall-ammont intier ta’ sebat elef u mitejn liri maltin (Lm7,200), u ghaldaqstant l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jigu akkollati lill-istess konvenuti ;

2. Illi mhuwiex dovut lill-konvenuti l-ammont pretiz minnhom fil-kontro-talba billi tali ammont huwa in eccess ta’ dak li gie realment miftiehem bejn il-partijiet meta l-eccipjenti xtraw il-merkanzija tan-negozju li kellhom il-konvenuti fil-hanut bl-isem “Pen & Pencil”, fi Pjazza Indipendenza, Ghajnsielem, bl-intendiment car li l-bejgh isir b’dak l-istess prezz *cost price* b’kemm kienu xtraw l-oggetti l-konvenuti sabiex jergghu jinbieghu mill-

istess hanut li krew l-eccipjenti wara li cedew il-lokazzjoni tal-hanut il-konvenuti, u dwar il-prezz tal-equipment, fixtures u fittings fil-hanut bi prezz *second hand* u bhala wzati u mhux bi prezz daqs li kieku kienu ghadhom kwazi godda ;

3. Illi bla pregudizzju, l-eccipjendi kienu accettaw u offrew li jhallsu lill-konvenuti s-somma ta' hamest elef u mitejn liri maltin (Lm5,200), liema offerta kienet giet innotifikata lill-konvenuti permezz ta' ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju 2000, u l-vertenza tigi limitata dwar il-bilanc, liema offerta kienet saret bil-kundizzjoni wkoll li minn dawn il-flus l-ewwel li jithallsu huma d-djun relattivament kbar li rrizulta li kien hemm fuq in-negozju mixtri mill-eccipjenti u li minhabba dan id-dejn l-eccipjenti kienu qeghdin isibu diffikultajiet kbar mal-agenti meta gew biex ordnaw merkanzija gdida, u din il-kundizzjoni fil-hlas saret sabiex l-eccipjenti jkunu jistghu jissoktaw bin-negozju taghhom bla ebda xkiel, liema djun kienu thallew pendenti mill-konvenuti dwar merkanzija mixtrija minnhom direttament fuq in-negozju "Pen & Pencil", bil-konsegwenza li meta l-eccipjenti gew biex jaghmlu ordnijiet godda minghand l-agenti tal-stock, dawn irrifjutaw li jaghmlu negozju gdid mal-eccipjenti qabel ma jigu saldati l-kontijiet li thallew pendenti mill-konvenuta fuq l-istess negozju, liema offerta kienu l-konvenuti li rrifjutawha;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi annessa ma' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom, ikkonfermata bil-gurament minn Pietra Buttigieg .

Rat il-verbal tal-legali tal-konvenuti maghmul seduta stante fl-1 ta' Marzu 2001, li bih giet ridotta t-talba fil-kontro-citazzjoni ghas-somma ta' elfejn lira maltija (Lm2000) .

Rat l-atti tal-Mandat ta' Qbid numru : 529/2000 fl-ismijiet "Charles Portelli et. vs Francis Buttigieg et." u dak ta' Sekwestru numru : 530/2000 fl-istess ismijiet, kif ukoll l-

atti tar-Rikorsi numri : 30/2000 u 31/2000 fl-ismijiet "Charles Portelli et. vs Francis Buttigieg et." kollha allegati ma' l-atti ta' din il-kawza, b'digriet taghha tas-27 ta' Jannar 2005 .

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .

Rat il-verbal taghha tad-19 ta' April 2005 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tac-citazzjoni taghhom l-atturi qed ifittxu qabel xejn li jiksbu n-nullita' ta' skrittura privata[1] li permezz taghha ntrabtu li jhallsu s-somma ndikata fiz-zmien hemmhekk stipulat . Din l-iskrittura giet iffirmata mill-konvenuti minn naha u mill-attrici biss minn naha l-ohra . L-attur jallega illi baqa' ma ffirmax dik l-iskrittura ghax deherlu li l-ammont mitlub kien izjed minn dak miftiehem . Il-konvenuti da parti taghhom isostnu illi l-prezz kien gia gie miftiehem qabel ma saret din l-iskrittura . Kienet saret biss fuq insistenza ta' l-istess atturi li xtaqu zmien ghall-hlas u l-attur ma kienx prezenti ghax dak il-hin inzerta xoghol, u kellu jiffirma aktar tard . Imma kienet x'kienet ir-raguni vera ghaliex l-attur baqa' ma ffirmax, huwa fatt illi l-iskrittura *ut sic* ma tistax titqies bhala valida skond il-ligi . Dan ghaliex bhala att straordinarju tal-komunjoni ta' l-akkwisti, tali skrittura kienet tirrikjedi l-kunsens tal-mizzewgin flimkien,[2] u tali kunsens ma jirrizultax li nghata mill-attur fuq dik l-iskrittura . L-ewwel talba hija ghalhekk gustifikata .

Qabel pero' ma jigu ttrattati t-talbiet l-ohra, jkun opportun li jinghad fil-qosor x'kienu l-fatti li taw lok ghal din il-kawza . Il-konvenuti kienu jiggestixxu *stationery shop* f'Ghajnsielem u gew avvicinati mill-atturi, wara li dawn semghu li kienu ser jaghalquh . Qalulhom li kienu interessati jidhlu minflokhom u peress illi l-proprjeta' tal-

[1] Dok. A annessa ma' c-citazzjoni a fol . 5 tal-process
[2] art. 1322 (3) (g) tal-kap. 16 .

hanut ma kienitx tal-konvenuti, baghtuhom sabiex qabel xejn jirrangaw mas-sid . Dan accetta li jidhlu fil-kera l-atturi minflok il-konvenuti u peress illi l-atturi xtaqu jkomplu fl-istess generu ta' negozju kemm jista' jkun malajr, intlahaq ftehim illi dawn jakkwistaw li *stock* kollu u jikkumpensaw lill-konvenuti tal-*fixtures* u l-*equipment* li kien hemm fil-hanut . Il-kontendenti pero' mhumiex jaqblu dwar il-modalitajiet ta' dan il-ftehim u ghalhekk saret il-kawza prezenti .

L-atturi minn naha jikkontendu, skond ma jippremettu fic-citazzjoni taghhom, illi l-ftehim kien fis-sens illi "*li stock kellu jinbiegh bl-istess prezz cost price b'kemm kienu xtrawh il-konvenuti minghand l-agenti u distributuri ohra ta' li stationary, li stock li jirrizulta danneggjat jew bi hsara l-atturi kellhom jirritornawh lill-konvenuti, l-photocopier machine bi prezz li jigi stmat mill-agent tad-ditta li minghandha l-konvenuti kienu xtrawha, l-armaturi, fixtures u fittings fil-hanut bi prezz ridott minhabba xi hsara li kien hemm fl-armatura tal-faccata u minhabba li dawn kienu gia gew uzati wkoll mill-konvenuti.*"

Il-konvenuti minn naha taghhom isostnu illi l-prezz globali gie stabilit wara li sar *stock take* mill-istess kontendenti u gie ffisssat prezz ghall-*fixtures* u *fittings .* L-iskrittura msemmija kellha biss tinkorpora bil-miktub il-modalitajiet tal-hlas tal-prezz globali li kien gie miftiehem minn qabel bejn il-kontendenti .

Fil-kontro-citazzjoni taghhom, il-konvenuti talbu minghand l-atturi l-hlas tas-somma indikata fl-iskrittura *de quo* u cioe' Lm7200 . Imma fil-mori tas-smiegh tal-kawza sar pagament mill-atturi ta' Lm5200 u ghalhekk it-talba giet ridotta ghal Lm2000 . Wara li s-sid hallas lill-konvenuti Lm762 tax-*shutter* u l-armatura ta' barra[3], il-pendenzi baqghu biss fuq Lm1238 .

Rigward il-prezz ta' li *stock*, l-atturi pproducew diversi rapprezentanti ta' mportaturi u *wholesalers* sabiex jiddeponu dwar in-negozju li kienu jaghmlu mal-konvenuti

[3] Dok. CP.1 a fo.l 48 .

u x'tip ta' *discounts* u beneficcji ohra kienu jaghtuhom . Ilkoll gew mitluba jipprezentaw kopji ta' l-*invoices* li nhargu lill-konvenuti dwar ix-xiri li kienu jaghmlu minghandhom[4] . Il-Qorti hija tal-fehma madankollu illi din il-prova hija ghal kollox irrilevanti ghal kaz in ezami, ghaliex fl-ebda stadju tal-proceduri l-atturi ma rnexxielhom jipprovaw illi l-ftehim mal-konvenuti kien tassew illi huma jixtru bl-istess prezzijiet u kundizzjonijiet li kienu akkwistaw il-konvenuti . Anzi mill-kopji ta' li *stock take* maghmula mill-kontendenti flimkien u li gew esebiti mill-istess atturi,[5] jirrizulta illi l-partijiet kienu ffissaw il-valur ta' dan li *stock* billi gie innotat il-prezz tal-bejgh (*retail*) kif kien indikat fuq kull oggett, il-kwantita' mill-istess oggett u l-persentaggi li kellhom jitnaqqsu minn dak il-prezz . Skond il-konvenuti t-total hekk mahdum kien ilahhaq Lm5320, u fuq id-dettalji ndikati fuq dawn il-listi ma jidhirx illi kien hemm kontestazzjoni . Infatti hekk kif sar dan l-ezercizzju s-Sibt 20 ta' Mejju 2000 fil-ghaxija, l-konvenuti kkonsenjaw ic-cwievet tal-hanut lill-atturi li minn dak il-hin kellhom il-pussess esklussiv tieghu, sabiex kienu mbaghad f'pozizzjoni jifthu l-hanut it-Tnejn ta' wara stess .

Rigward il-hsarat li jghidu li sabu l-atturi f'diversi oggetti, ma jirrizulta illi sar ebda ftehim dwar x'kellu jigri f'tali eventwalita' . Jigi nnotat pero' illi l-atturi kienu qeghdin jakkwistaw *stock* li kienu jafu illi ma kienx gdid u li kien ilu ghal certu zmien espost fil-hanut tal-konvenuti . Hekk ukoll li *stock* allegatament iddannegjat, kuntrarjament ghal dak li soltu jsir meta jinxtraw oggetti difettuzi, la gie ritornat lill-konvenuti, hlief ghal zewg *radios* tal-valur ta' hdax il-lira (Lm11) u lanqas ma gie depozitat il-Qorti, imma baqa' f'idejn l-atturi u ma ntqalx x'sar minnu .

Dwar il-*fixtures* u l-*equipment* tal-hanut, l-atturi ma taw ebda indikazzjoni ta' l-ammont li jippretendu li kellu jithallas ghalihom . Jikkontendu biss illi huma qatt ma kellhom jigu mitluba jhallsu wkoll tax-*shutters* u l-armatura ta' barra, ghax skond l-iskrittura ta' kera li kienet saret bejn is-sid u l-istess konvenuti, s-sid kien intrabat li jirrifondi lill-

[4] a fol. 154 – 251 .
[5] Dokti. PB.1 sa PB. 4 a fol. 93 - 100 .

konvenuti l-ispejjez taghhom fit-tmien tal-kirja . Dan l-argument pero' ma jregix, ghax dak li kienu ftehmu l-konvenuti mas-sid, kien ghall-atturi *res inter alios acta* u ma seta' jeffettwahom bl-ebda mod . Ma setghu ghamlu ghalhekk xejn hazin il-konvenuti li inkludew l-ispejjez relattivi ghal dawn ix-*shutters* u l-armatura mal-kont tal-*fixtures* mitlub mill-atturi .

Fi kwalunkwe kaz pero', gialadarba fil-mori tal-kawza s-sid irrifonda lill-konvenuti l-ispejjez ta' dawn is-*shutters* u armatura u l-konvenuti accettaw li jnaqqsu l-flus li dahhlu ghal dan il-fini mit-talba, din il-kwistjoni tibqa' rilevanti biss ghall-kap ta' l-ispejjez .

Minn naha l-ohra, il-konvenuti specifikaw il-valur li gie ffissat ghal kull *item* . Infatti nsibu illi : x-*shutters* gew stmati Lm265, il-vetrina Lm497, l-ixkaffi Lm300, il-*photocopier* Lm500, il-*gun* tal-prezzijiet : Lm25, *money detector* : Lm10, *stand* Lm40, *cash register* Lm220, *plastic bags* Lm28.60,[6] u dawn flimkien, wara li jizdiedu ma' l-Lm5320 ta' li *stock*, ilahhqu proprju xi haga zghira aktar mis-somma ta' Lm7200 imsemmija fl-iskrittura 'Dok. A' .

Jirrizulta ghalhekk illi, ghalkemm l-atturi ma setghux intrabtu bl-iskrittura tat-22 ta' Mejju 2000 (Dok. A) sabiex ihallsu l-ammont hemmhekk indikat, ghax din ma kienitx iffirmata wkoll mil-attur, huma kienu gia obbligaw ruhhom li jhallsu lill-konvenuti l-istess ammont bil-ftehim verbali li kien intlahaq dwar il-valur ta' li *stock* u l-*fixtures* u l-*equipment* dakinhar stess li gew ikkonsenjati c-cwievet . Skond il-ligi, ghal fethim bhal dan ma kien hemm bzonn ta' ebda skrittura privata[7] . Kif tajjeb jikkontendu l-konvenuti, l-iskrittura kontestata kellha biss tirregola l-modalitajiet tal-hlas ta' l-ammont gia miftiehem, peress illi l-atturi kienu talbu z-zmien ghall-hlas . Mill-ammont ta' Lm1238 li ghadu dovut irid jitnaqqas pero' ir-*refund* ta' Lm11 li hadu l-atturi ghaz-zewg *radios* difettuzi li gew ritornati lill-agenti .

---

[6] a fol. 281 - 282 .
[7] art. 1233 tal-Kap. 16 .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi :

(a) fir-rigward tac-citazzjoni ta' l-atturi, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara nulla l-iskrittura tat-22 ta' Mejju 2000 billi ma saritx bil-kunsens u l-adezjoni ta' l-atturi flimkien, imma tichad it-talbiet l-ohra, bl-ispejjez kontra l-istess atturi ;

(b) fir-rigward tal-kontro-talba, billi tilqa' t-talbiet kif ridotti u tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenuti s-somma ta' elf mitejn seba' u ghoxrin lira maltija (Lm1227), bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta' li *stock, fixtures* u *equipment* ezistenti fil-hanut bl-isem "Pen and Pencil" fi Pjazza Indipendenza, Ghajnsielem, mibjugha lilhom mill-konvenut . Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi mill-20 ta' Mejju 2000, meta sar il-ftehim verbali relattiv, sad-data tal-pagament effettiv konta l-atturi wkoll .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------